# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 18 ta' Jannar 2022**

**Kawza Numru: 19**

**Rikors Numru:- 1150/2021 JVC**

**Land Owners Limited (C609)**

**vs**

**Alex Bezzina *sive* Bezzina Wettinger**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Alex Bezzina maghruf bhala Bezzina Wettinger permezz ta' liema u ghar-ragunijiet kif esposti fl-istess talab ir-revoka tal-mandat ta' zgumbrament numru 1117/21 datat 25 ta' Novembru, 2021;

Rat ir-rikors tas-socjeta' Land Owners Limited datat 7 ta' Dicembru, 2021 fejn din il-Qorti diversament preseduta awtorizzat

lill-Marixxall tal-Qorti jisgassa l-bibien u/jew xtiebi tal-fond mertu tal-mandat u ghalhekk tat l-jedd lill-ufficcjal esekuttiv li jinqeda bis-setghet provduti fl-artikolu 275 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Land Owners Limited ghar-rikors ghar-revoka odjern datat 10 ta' Dicembru, 2021 fejn ghar-ragunijiet ndikati fl-istess, din il-Qorti ntalbet sabiex tichad it-talba ghar-revoka tal-mandat ta' zgumbrament de quo;

Rat id-dokumentazzjoni annessa mar-risposta fosthom id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta datata 30 ta' Novembru, 2017 fejn gie deciz kif isegwi:

'Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta u tiddeciedi, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat ghar-ragunijiet spjegati, u tilqa' t-talbiet tas-socjeta' rikorrenti kif gej:

- Tilqa' t-tieni talba tas-socjeta' rikorrenti u tiddikjara li l-intimat qed jokkupa l-art surreferita abbuzivament u minghajr ebda titolu li jaghtih dritt ta' pussess.

- Tilqa' t-tielet talba tas-socjeta' rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-istess proprjeta' fi zmien perentorju ta' xahar mil-lum.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.'

Rat ukoll li fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 27 ta' Mejju, 2021 id-decizjoni tal-ewwel Qorti giet ikkonfermata filwaqt li sahanstira l-intimat (llum rikorrent odjern) gie ordnat ihallas spejjez doppji stante li l-appell gie dikjarat fierah u vessatorju.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 25 ta' Ottubru, 2021 fejn fuq rikors prattikament identiku ghal dak odjern gie deciz kif isegwi:

'Minn ezami, anke superficjali, ta' dawn il-proceduri, ma tridx wisq biex tifhem li dak li qed jitlob ir-rikorrent assolutament ma jinkwadra ruhu f'dan it-taghlim. Il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent fehem, li din il-procedura hija mahsuba ghaliex skont hu ghad ghandu titolu, meta huwa kjarament car li dan il-punt gie deciz definittivament bis-Sentenza sucitata. Jekk ir-rikorrent ghandu ilmenti dwar is-Sentenza ghandu proceduri ohrajn disponibbli biex jindirizzahom. Ma hux kompitu ta' din il-Qorti tghid f'hiex jikkonsistu ghaliex ma tista taghti pariri lill-ebda parti, izda zgur li mhux din il-pocedura idoneja ghal dak li qed jimmira ghalih. Hija hasra li proceduri li huma mahsuba ghal sitwazzjonijiet ta' natura eccezzjonali, jintuzaw b'dan il-mod ghax kull ma jaghmlu hu li jzidu mal-ispejjez tal-parti li titlobhom.'

Rat li ghalkemm ir-rikors odjern giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Jananr, 2022, ir-rikorrent Alex Bezzina u l-Avukat tieghu naqsu li jattendu ghal din is-seduta nonostante n-natura straordinarja u urgenti ta' dan ir-rikors;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tas-socjeta' Land Owners Limited u rat li halliet ir-rikors ghad-digriet ghal-lum 18 ta' Jananr, 2022;

**Ikkunsidrat;**

Illi huwa car ghal din il-Qorti, bhal ma kien ukoll car ghall-Qorti precedenti, li r-ragunijiet li fuqhom qed isejjes dan ir-rikors Alex

Bezzina huma l-istess eccezzjonijiet identici li huwa ressaq quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili diversament preseduta u li gew imwarrba u michuda permezz tad-decizjoni datata 30 ta' Novembru, 2017 u konfermati fl-appell nhar is-27 ta' Mejju, 2021;

Illi huwa wkoll car ghal din il-Qorti li dak li qed jittenta jaghmel ir-rikorrent permezz tar-rikors odjern huwa li ghar-raba' darba jitlob lil Qorti sabiex tidhol fil-mertu tal-eccezzjonijiet originali tieghu u b'xi mod isir miraklu li qieghed biss f'mohh ir-rikorrent u dak li huwa gia *res judicata* jinbidel permezz ta' din il-procedura straordinarja;

Illi din hija Qorti tal-fatti u li fiha tigi applikata l-ligi u mhux Qorti tal-immaginazzjoni u l-mirakli. Huwa car li t-talba tar-rikorrenti Alexander Bezzina, kif imsejsa, ma tinkwadrax ruhha f'dak li tirrikjedi l-ligi sabiex din il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talba ghar-revoka tal-mandat ta' zgumbrament. Din il-Qorti zzid anzi li ma tistax tifhem kif Alexander Bezzina ghar-raba' darba qed jittenta jisfida l-ordnijiet cari tal-Qrati u jerga b' mod frivolu u vessatorju ghall-ahhar jaghmel il-bsaten fir-roti lis-socjeta' Land Owners Limited li ghandha kull jedd fil-ligi, konsegwenza tad-decizjoni tal-Onorabbli Qorit tal-Appell, li tippretendi u titlob l-izgumbrament tieghu mill-proprjeta' in kwistjoni.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant din il-Qorti tghaddi sabiex tiddeciedi r-rikors odjern billi tichad it-talba ta' rikorrent Alexander Bezzina ghar-revoka tal-mandat ta' zgumbrament 1117/21 u tordna li titkompla fl-aqsar zmien possibbli l-procedura mitluba mis-socjeta' Land

Owners Limited sabiex Alexander Bezzina jigi zgumbrat mill-istess proprjeta'.

Bl-ispejjez kollha kontra Alexander Bezzina.

**Moqri.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**18 ta' Jannar 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**18 ta' Jannar 2022**